C/2024/781

11.1.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11384 – Mercedes-Benz Group/BMW/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/781)

1. Fid-19 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Mercedes-Benz Group China Ltd. ("MBGC", ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina), ikkontrollata minn Mercedes-Benz Group AG,

— BMW Brilliance Automotive Ltd. ("BBA", ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina) ikkontrollata minn Bayerische Motoren Werke Aktiengesellschaft.

MBGC u BBA se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' kumpanija ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' akkwist konġunt ta' kapital reġistrat fil-kumpanija li għadha kif inħolqot.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— MBGC hija attiva fil-manifattura u l-bejgħ ta' karozzi tal-passiġġieri u vannijiet, kif ukoll fil-forniment ta' servizzi finanzjarji, servizzi ta' mobbiltà, spare parts, u topera ċentri ta' riċerka u żvilupp,

— L-operazzjonijiet tan-negozju ta' BBA jinkludu r-riċerka u l-iżvilupp, l-akkwist, il-produzzjoni, il-bejgħ, u s-servizzi ta' wara l-bejgħ tal-karozzi fiċ-Ċina.

3. L-attivitajiet kummerċjali ta' JV huma li ġejjin: L-iżvilupp u t-tħaddim ta' network pubbliku tal-infrastruttura tal-iċċarġjar għall-karozzi li jaħdmu bil-batteriji fiċ-Ċina.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11384 – Mercedes-Benz Group/BMW/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz tal-posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË